# MITT SENA ILU
## TIŻJIN ĠDID GĦAL FESTA

Fost diversi oġġetti saġri u artistiċi li jżejnu l-knisja parrokkjali fil-festa ta' S. Margerita, wieħed jilmaħ vintartal, kanopew tat-tabernaklu, u tużell, lkoll bi drapp tal-bellus irrakkmat bid-deheb. Dawn saru mitt sena ilu, fl-1895, għall-artal maġġur fejn għadhom jintramaw sal-lum.

L-Arċipriet li f'dak iż-żmien kien imexxi l-parroċċa ta' Sannat, Dun Gio-Andrea Vella, kien talab lill-Mons. Ġużeppi Farrugia, magħruf bħala "tal-Vers", mir-Rabat (Għawdex) biex iħejji disinji kemm għar-rakkmu kif ukoll għall-iskultura fl-injam tat-tużell[1]. Filwaqt li x-xogħol tar-rakkmu



*L-Arċipriet Dun Gio-Andrea Vella. (Ritratt meħud possibilment fl-1893 fl-okkazjon tal-pussess tiegħu bħala Arċipriet*



***Il-Knisja armata għall-festa lejn tmien is-seklu 19 jew fil-bidu tas-seklu 20. Jidhru l-vintartal, il-kanopew tat-tabernaklu u t-tuzell li saru fl-1895.***

sar f'Lyons (Franża)[2], l-iskultura tal-injam tat-tużell saret minn Mastru Pawlu Bugeja mgħejjun mill-allievi tiegħu Calcidon (ħuħ) u Antonio Sapian, it-tlieta mir-Rabat tal-Imdina[3].

F'dik is-sena li fiha ġie mżanżan għall-ewwel darba dan ittiżjin ġdid, il-festa kienet saret fil-21 ta' Lulju[4]. Perjodiku ta' dak iż-żmien, "Id-Devot ta' Marija", jgħarrafna li kemm il-vintartal, il-kanopew, u l-aktar it-tużell kienu ingħoġbu[5].

---

[1] Ara JOSEPH BEZZINA, *Sannat Fi Ġrajjet Għawdex*, Gozo 1989, 416.

[2] Ibid., u ara wkoll ANTON BAJADA, *Sannat, 1868-1968. Souvenir tal-Festi Ċentenarji*, Gozo 1968, taħt id-data 1895.

[3] Ara P.P. CASTAGNA, *Lis-Storja ta' Malta bil Gżejer taħha* [Appendix] it-tieni darba, Malta 1890, 209-210.

[4] Ara *Id-Devot ta Maria* VIII/9 (1895) 139.

[5] Ibid.